MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 360/2011

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi r-rikorrenti izzewweg lill-intimata fil-15 ta’ Settembru 1979 fil-Knisja ta’ San Girgor, Sliema, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal ossia N u S, illum maggiorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt min-Nutar Dr. Ann Fenech Adami mill-ghoxrin [20] ta’ April tas-

sena elfejn u sebgha [2007], li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghall dawn l-ahhar erba' snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju fir-rigward ta' l-intimata u dan stante li skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali [ara dok B anness klawsola numru 4] il-partijiet irrinunzjaw b'mod irrevokabbli mid-dritt li jitolbu/jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi lanqas ma hemm manteniment dovut fir-rigward tat-tfal tal-partijiet stante li llum huma maggiorenni u ghandhom impjieg *full time;*

Illi l-intimata tixtieq tirreverti lura ghal kunjoma xebba, ossia Attard Portughes;

Ili dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg, ezistenti bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Novembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat il-provi li gew prodotti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' April, 2007.

Illi huwa ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi f'dan l-istadju ma hemm l-ebda manteniment dovut fir-rigward tal-intimata peress illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali il-partijiet kienu irrinunzjaw b'mod irrevokabbli mid-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemmx manteniment dovut fir-rigward tat-tfal illi illum il-gurnata huma maggorenni u jahdmu fulltime;

Illi l-Qorti rat illi l-intimata tixtieq tirriverti lura ghal kunjom xbubitha ossia Attard Portughes;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa t-talba tal-intimata u tawtorizzaha tirriverti lura ghal kunjom xbubitha Attard Portughes, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------